QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS , 6 TA' GUNJU, 2002.

APPELL NRU. 18/2002 JGD.

IL-PULIZIJA.

(SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD)

VS.

DAVID GALEA

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant David Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2002, talli fis-16 t'Ottubru, 2001, u fil-gimghat ta' qabel din id-data , f' numru 3, Triq il-Fosos , il-Furjana, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandu , fixkel lill-Anthony u Carmen Xuereb fil-pussess ta' hwejjighom jew b' xi mod iehor indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-15 ta' Jannar, 2002 li biha , iddecidiewt li , billi l-versjoni tal-kwerelanti hija aktar attendibbli u ghalhrekk irrizulta li bl-istallazzjoni recenti ta' serratura , l-imputat bidel l-istat ta' fatt u illimita dak li l-kwerelanti kienu jgawdu , sabet lill-imputat appellant hati u , wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 , ikkundannatu ghall-hamsin lira Maltin (LM50) multa.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu prezentat fl-24 ta' Jannar, 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar , tirrevoka, tannulla dik is-sentenza u , wara li tiehu konjizzjoni mill-gdid tal-provi , issib lill-appelant mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggavji tal-appellant li fil-qosor jikkonsistu filli l-appellant qatt ma messu instab hati ghax il-kwerelanti ma kellhom ebda titolu u l-appellant qatt ma cahadhom mill-access ghal fuq il-bejt kull meta huma talbu li jitilghu halli jiccekkjaw l-aerial u t-tank tal-bejt ; li dan l-arrangament kien ilu hekk ghal aktar minn hmistax il-sena u l-kwererlanti qatt ma ilmentaw ; u ghalhekk l-azzjoni hi preskritta.

Rat in-nota tal-21 ta' Marzu , 2002 tal-kwerelanti Anthony u Carmen konjugi Xuereb li biha iddikjaraw li l-proceduri odjerni gew inizjati fuq rapport taghhom ; illi minn dak iz-zmien ' l hawn huma rrikonciljaw ruhom u m'ghadx hemm differenzi bejnhom u l-appellant u li huma jahfru lill-appellant u jiddikjaraw li mhu qed jippretendu xejn minnghandu .

Rat il-verbal redatt fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2002 , u li in vista tieghu il-Prosekuzzjoni ghazlet li ma tipproducix provi biex issostni l-akkuza promossa mill-kwerelanti Xuereb .

Ikkonsidrat ,

Illi ladarba il-provi mhux traskritti u l-kwerelanti u l-Prosekuzzjoni ghazlu li ma jressqux provi f' dan l-istadju tal-process , u dana in vista tar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet involuti kif fuq intqal , din il-Qorti

ovvjament ma ghandhix bazi fuq hix issib htija fil-konfront tal-appellant .

Ghal din ir-raguni biss, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija u piena inflitta fuqu bis-sentenza appellata.

(ft) J.G. Galea Debono

Paul Miruzzi
Dep/Reg.

06.06.2002